Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 15,308, 20 ta' Lulju, 1990
Taqsima B

A.L. 111 ta' l-1990

ATT LI JIRREGOLA L-KONDIZZJONIJIET TA' L-IMPIEG (KAP. 135)

Ordni ta' l-1990 li Jemenda l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi ta' l-Agrikoltura u Industriji Konnessi Magħha biex Jirregola l-Pagi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 8 ta' l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg, il-Ministru tal-Politika Soċjali wara li rċieva proposti mill-Kunsill tal-Pagi ta' l-Agrikoltura u Industriji Konnessi Magħha dwar il-kondizzjonijiet ta' l-impieg ta' l-impjegati li għalihom japplika l-imsemmi Kunsill tal-Pagi għamel l-ordni li ġej:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1990 li Jemenda l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi ta' l-Agrikoltura u Industriji Konnessi Magħha biex Jirregola l-Pagi u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordni ta' l-1977 tal-Kunsill tal-Pagi ta' l-Agrikoltura u Industriji Konnessi Magħha biex Jirregola l-Pagi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali".

A.L. 99 ta' l-1977.

(2) Dan l-ordni għandu jibda jseħħ fit-23 ta' Lulju, 1990.

Jemenda l-paragrafu 1 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

2. Minnufih wara t-tifsira ta' "paga" li hemm fil-paragrafu 1 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:—

" "għassies" tfisser persuna li tħares il-proprjetà tal-prinċipal tagħha kontra ħruq, serq, dħul mingħajr permess u okkorrenzi simili;".

Jemenda l-paragrafu 2 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

3. Il-paragrafu 2 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) fis-sub-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "ħamsa u erbgħin siegħa" għandhom jidħlu l-kliem "erbgħin siegħa", u

(b) fis-sub-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "sittin siegħa" għandhom jidħlu l-kliem "tnejn u ħamsin siegħa.".

Jissostitwixxi l-paragrafu 3 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

4. Minflok il-paragrafu 3 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:—

"L-anqas pagi.

3. L-inqas paga fil-ġimgħa li għandha titħallas lill-impjegati *whole-time* tkun kif ġej:

(a) għassiesa li huma mħaddmin għal kollox jew prinċipalment fuq xogħol ġewwa Lm32.88

(b) għassiesa li huma mħaddmin għal kollox jew prinċipalment fuq xogħol barra Lm33.88

(ċ) impjegati oħra:
Ta' 18-il sena jew fuqhom Lm32.88
Ta' 17-il sena Lm29.97
Ta' 16-il sena ..... Lm28.74.".

Jemenda l-paragrafu 6 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

5. Il-paragrafu 6 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) fis-sub-paragrafu (a) (i) tiegħu, minflok il-kliem "għaxar sigħat" għandhom jidħlu l-kliem "disa' sigħat";

(b) fis-sub-paragrafu (a) (iv) tiegħu, minflok il-kliem "sittin siegħa" għandhom jidħlu l-kliem "tnejn u ħamsin siegħa"; u

(ċ) fis-sub-paragrafu (b) (iv) tiegħu, minflok il-kliem "ħamsa u erbgħin siegħa" għandhom jidħlu l-kliem "erbgħin siegħa".

Jissostitwixxi l-paragrafu 7 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

6. Minflok il-paragrafu 7 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"Vaganzi bi ħlas.

7. (1) B'żieda mal-anqas mistrieħ fil-ġimgħa li jistgħu jkunu intitolati għalih impjegati *whole-time* skond il-paragrafu 5, impjegati *whole-time* għandhom jedd għall-Festi Nazzjonali u għall-btajjel pubbliċi kollha b'paga sħiħa, u għal dan il-leave għal vaganza li ġej li ma jkunx inqas minn —

(a) erba' ġimgħat tax-xogħol u jum wieħed tax-xogħol matul is-snin kalendarji 1988 u 1989;

(b) erba' ġimgħat tax-xogħol u jumejn tax-xogħol matul is-sena kalendarja 1990;

(ċ) erba' ġimgħat tax-xogħol u tlett ijiem tax-xogħol matul is-sena kalendarja 1991;

(d) erba' ġimgħat tax-xogħol u erbat ijiem tax-xogħol matul is-sena kalendarja 1992 u matul kull sena oħra kalendarja li tiġi wara:

Iżda meta impjegat *whole-time* ikun ilu mpjegat għal inqas minn tnax-il xahar matul xi sena kalendarja, ikollu jedd għal dik il-parti tal-*leave* għal vaganza msemmi skond ma jkun il-proporzjon tan-numru ta' xhur li jkun ilu fl-impieg.

(2) Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "*leave* għal vaganza" tfisser *leave* bi ħlas li jista' jittieħed f'jiem miftehmin bejn prinċipal u mpjegat, b'dan illi jum wieħed *leave* għal vaganza matul 1988 u 1989, jumejn *leave* għal vaganza matul 1990, tlett ijiem leave għal vaganza matul l-1991 u erbat ijiem *leave* għall-vaganza matul l-1992 u matul kull sena oħra

kalendarja li tiġi wara ma jkunux jagħmlu parti minn xi *shut-down* u għandhom jingħataw mill-prinċipal bħala *leave* li jittieħed b'għażla b'żieda ma kull *leave* li jittieħed b'għażla li l-impjegat seta' kellu jedd għalih fid-9 ta' Novembru, 1988.".

7. Fil-paragrafu 8 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali, minflok il-kliem "l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali," għandhom jidħlu l-kliem "l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali,". Jemenda l-paragrafu 8 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

8. Fil-paragrafu 12 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali, minflok il-kliem "l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali," għandhom jidħlu l-kliem "l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali,". Jemenda l-paragrafu 12 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.